L-Isem: ____________________________ Il-Klassi: __________________ Id-Data: _________________

# Aqta' Fjura u Ibni Kamra

ta' *Immanuel Mifsud*

**Aqta' fjura u ibni kamra;**
**Aqla'** sigra u **tella'** dar;
Imxi metru, ibni villa;
**Tinkwetax … dak li sar sar.**

Mur pass ieħor u ibni torri;
Itla' fl-għoli, miss is-sħab;
Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,
Kulma ħlejt kien naqra trab.

Dur mal-kosta, fittex rokna;
Arma boathouse fuq il-blat;
Anki 'l-baħar agħmel tiegħek
U ħallik mill-pixxispad.

**Tagħtix kas li l-baħar tiela'**
Itla' fl-għoli anki int:
Bnejt it-torri, itla' fuqu,
Ibda gawdi dak li ħdimt.

Issa isma' x'qed jgħidulek:
Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.
Hemm ftit metri ħdejn il-villa,
Li kont minnek nibni *pool*.

U jaqbillek tinsa l-baħar
Għax mid-dehra tah tal-qamar:
Tmurx fix-xemx u tmurx fid-dlam
Għax imtela tilja bram.

**Aqta' fjura u ibni kamra.**
Jiena nifhem: 'tini widen;
Meta mbagħad tkun lest minn kollox,
Ħu nifs qawwi u mur indifen.

**Sineddoke:** Il-fjura qiegħda tirreferi għall-ambjent filwaqt li l-kamra qiegħda tirreferi għall-bini li tiela'.

**Apostrofi**: Il-poeta qiegħed jindirizza lill-qarrej fl-Imperattiv:

**'Aqta, aqla', imxi…'**

Il-poeta għamel użu sew mill-punteġġjatura tul il-poeżija. Dan iġiegħel lill-qarrej sabiex jieqaf ftit u jieħu pawża wara kull vers sabiex jirrifletti dwar il-messaġġ li qiegħed jipprova jwassal il-poeta.

Referenza għall-bidla tanġibbli fl-ambjent: is-sħana globali li qed twassal sabiex il-livell tal-ilma jogħla.

**Kuntrast:** Xħin il-bniedem ikun temm il-proġetti tiegħu u qed jippjana l-mistrieħ tiegħu wara li jkun qered l-ambjent għall-kumdità tiegħu (egoċentriżmu) jirrealizza li se tistrieħ mod ieħor: billi jindifen.

***'ħu nifs qawwi u mur indifen'***

Il-bniedem wasal sabiex qered l-ambjent, jiġifieri wassal għall-qirda tad-dinja kollha b'kulma hemm fiha.

**It-Ton Sarkastiku u** l-użu tal-**Ironija** tul il-poeżija kollha.

**Parallelliżmu:**

**Aqla' siġra** u **tella' dar**
**Imxi metru, ibni villa**;

Fl-ewwel parti tal-vers il-poeta jippreżenta l-azzjoni distruttiva tal-bniedem fuq in-natura filwaqt li fit-tieni parti il-bniedem jidher qed jimla dan l-ispazju b'opri li jissodisfaw ir-regħba tiegħu.

**Ton Sarkastiku**: Il-poeta qiegħed juża ton sarkastiku sabiex iġiegħel lill-qarrej iħossu iktar konxju tal-qerda tal-ambjent li qiegħed jagħmel il-bniedem stess sabiex jgħix fil-lussu u l-kumdità eż. il-bini ta' villa (mhux dar) iwassal biex jinqerdu aktar għelieqi.

**Personifikazzjoni**

Il-ħsara kollha li għamel il-bniedem issa ma tistax treġġagħha lura.

**Ritornell:** Ir-repetizzjoni ta' v. 1 u v. 25

***'Aqta' fjura u ibni kamra'***

jagħmel iktar enfasi fuq it-ton sarkastiku tal-poeta.

**Vers:** Ottonarju, **Strofa:** Kwartina, **Rima:** Imqabbża, abċb

© Is.Sa A. Attard 2017